



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14405/23

LIMITE

CORLX 974
CFSP/PESC 1421
EPF AM 103
FIN 1072
COAFR 375
ACP 102
COPS 497
POLMIL 276

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667
dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali
ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea
għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) għal azzjoni b'appoġġ għat-Task Force Konġunta Multinazzjonali kontra l-Boko Haram (MNJTF) li għandha tiġi ffinanzjata taħt il-miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667¹ (il-“miżura ta' assistenza”).
- (2) Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/510², li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 billi żiedet lill-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA fil-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza.
- (3) Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli biex l-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA tiġi sostitwita mill-operatur Franċiż Défense Conseil International (Grupp DCI) bħala attur implimentattiv għal parti mill-azzjoni b'appoġġ tal-MNJTF.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 tal-21 ta' April 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 38).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/510 tas-7 ta' Marzu li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 70, 8.3.2023, p. 55).

- (4) Il-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza jenħtieġ li tinkludi lill-Grupp DCI.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS

Lista tal-ministeri, tad-dipartimenti tal-gvern, u ta' korpi u aġenziji oħra tal-liġi pubblika tal-Istati Membri, u ta' korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza*:

— Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit

— Expertise France

— Défense Conseil International (DCI Group)

Lista ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jistgħu jimplimentaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza:

— COGINTA

* Din il-lista tirrelata biss mal-miżura ta' assistenza stabbilita minn din id-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu appuntati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President